oġġetti (ĠU L 292, p. 5) — Importazzjoni, eżenti mid-dazji doganali u mill-VAT, ta' karburant li jinsab fit-tankijiet standard ta' vetturi bil-mutur li jinsaqu fuq l-art — Kumpannija li mliet, fit-territorju ta' Stat terz, it-tankijiet standard ta' karburant tal-lokomotivi tagħha bid-diesel — Kunċett ta' vettura tat-triq bil-mutur

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 112(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83, tat-28 ta' Marzu 1983, li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjoni[j]iet minn dazju doganali, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1315/88, tat-3 ta' Mejju 1988, l-Artikolu 107(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009, tas-16 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali, l-Artikolu 82(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 83/181/KEE, tat-28 ta' Marzu 1983, li tiddetermina l-iskop tal-Artikolu 14(1)(d) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 88/331/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1988, u l-Artikolu 84(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE, tad-19 ta' Ottubru 2009, li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma japplikawx għal-lokomotivi.*

([1]) ĠU C 226, 30.07.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-19 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākās tiesas Senāts — il-Latvja) — Ainārs Rēdlihs vs Valsts ieņēmumu dienests**

**(Kawża C-263/11)** ([1])

***(Sitt Direttiva tal-VAT — Direttiva 2006/112/KE — Kunċett ta' "attività ekonomika" — Provvisti ta' injam bħala kumpens għall-ħsarat ikkawżati minn maltempata — Sistema ta' inverżjoni tal-ħlas — Nuqqas ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tal-persuni taxxabbli — Multa — Prinċipju ta' proporzjonalità)***

(2012/C 295/21)

*Lingwa tal-kawża: Il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākās tiesas Senāts

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Ainārs Rēdlihs

*Konvenut:* Valsts ieņēmumu dienests

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Augstākās tiesas Senāts — Interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) u tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Kunċetti ta' persuna taxxabbli u ta' attività ekonomika — Provvisti ta' injam imwettqa minn persuna fiżika, proprjetarja ta' beni forestali intiżi għall-bżonnijiet personali tagħha, sabiex tikkumpensa għad-danni kkawżati minn maltempata — Konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità ta' miżura nazzjonali li tissanzjona permezz ta' multa stabbilita sa limitu tal-ammont tat-taxxa normalment dovuta skont il-valur tal-beni pprovduti, in-nuqqas ta' reġistrazzjoni f'reġistru tal-persuni suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud, minkejja li l-persuna kkonċernata ma kellhiex tħallas it-taxxa, anki jekk hija ġiet irreġistrata f'dan ir-reġistru

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/CE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, hekk kif emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/138/KE, tad-19 ta' Diċembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-provvisti ta' injam li jitwettqu minn persuna fiżika bl-għan li jiġu kkumpensati l-konsegwenzi ta' każ ta' forza maġġuri jidħlu fil-kuntest tal-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli, peress li għandhom jiġu kklassifikat bħala "attività ekonomika" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta dawn il-provvisti jitwettqu għal skopijiet ta' dħul fuq bażi kontinwa. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa l-informazzjoni kollha tal-każ sabiex tiddetermina jekk l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli, bħal foresta, jiġix eżerċitat għal skopijiet ta' dħul fuq bażi kontinwa.*

(2) *Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex eskluż li regola tad-dritt nazzjonali li tippermetti li tiġi imposta multa, stabbilita fil-livell tar-rata normali tat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli skont il-valur ta' oġġetti li jkunu ġew ipprovduti, lil individwu li jkun naqas mill-obbligu tiegħu li jirreġistra bħala persuna taxxabbli għat-taxxa fuq il-valur miżjud, filwaqt li dan l-individwu ma jkunx responsabbli għal din it-taxxa, imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-ammont tas-sanzjoni ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu l-għanijiet, li huma dawk li jiġi żgurat il-ġbir eżatt tat-taxxa u l-prevenzjoni tal-frodi fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u b'mod partikolari s-somma speċifikament imposta u l-eżistenza possibbli ta' frodi jew ta' evażjoni tal-liġi applikabbli attribwibbli għal persuna taxxabbli li n-nuqqas tagħha ta' reġistrazzjoni qed tiġi ssanzjonata.*

([1]) ĠU C 226, 30.07.2011.

---